MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Numru. 623/2007

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras)
vs
George Azzopardi, iben France, imwieled Pieta' fid-9 ta' Marzu, 1963, karta ta' l-identita numru 174763(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-23 ta' Mejju, 2007 fil-Mosta f'xi ħin bejn l-4.00 p.m. u is-7.00 p.m. ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ernest Muscat skont ma ċċertifika Dr. Matthew Cassar M.D.;
2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi hedded bil-kliem lil Ernest Muscat u lil Anna Theesa Muscat;
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikoli 383 u 384 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-ġlieda bejn l-imputat u Ernest Muscat hi dovuta għal raġuni ta' kif jipparkjaw il-vetturi rispettivi tagħhom, Jirrizulta li fit-23 ta' Mejju, 2007 għal ħabta tat-3.00 p.m., mart l-imputat riedet toħroġ il-vettura tagħha mill-garage tagħhom. Kif jirrizulta mir-ritratt eżebit fl-atti ta' din il-kawża hu ċar li biex toħroġ minn hemm l-ispazju għad-dispozizzjoni tagħha kien wieħed żgħira. Fil-fatt hi ħarġet iżda kien ser ikollha inċident ma bowser li kien qed igħaddi dak il-ħin mit-triq, li ma tantx hi wiesa'. Għalhekk, ċemplet lil żeweġha, l-imputat li qallha biex iċċempel lill-pulizija. Il-pulizija ma stgħux jiġu għaliex kienu fuq barra fuq biċċa xogħol oħra.

Illi l-imputat wasal id-dar għal ħabta tal-5.00 p.m. u ftit wara mar id-dar ta' Ernest Muscat biex iressqu l-van tagħhom minn fejn kien ipparkajat. Is-Sinjura Muscat ma setgħatx jew ma riditx tressaq il-karozza u hi tgħid li l-imputat heddidha li ser ifarrak wiċċ Ernest Muscat waqt li l-imputat igħid li hi ma riditx tressaq il-karozza.

Illi l-imputat daħal ġewwa u ftit wara ħareġ bil-kelb għal dawra. Iżda min hawn il-quddiem il-versjonijiet ta' l-imputat u martu u dawk ta' Muscat ivarjaw.

Illi skont Ernest Muscat hu wasal id-dar għal ħabta tas-6.30 p.m. Hu kien flimkien ma ibnu ta' tmien snin u kellhu borza fl-idu l-oħra. Kif daħal fil-parapett tad-dar tiegħu l-imputat segwih u beda jtih, hemm b'idu kif ukoll b'saqajh u biċ-ċinga tal-kelb li kienet tal-metall. Konsegwenza ta' din l-aggressjoni Ernest Muscat safa b'imnieħru mkisser u feriti oħra f'wiċċu. Ernest Muscat igħid li hu ddefenda ruħu kif seta'. Il-feriti li ġarrab damu tlett ġimgħat biex ifiqu, skont kif xehed il-konsulent Mr. Anthony Grixti Soler.

Illi mix-xhieda ta' l-imputat jirrizulta li hu mar ikellem lil Ernest Muscat fil-parapett tiegħu. Muscat irrispondieh b'mod oxxen għat-talbu tiegħu biex ineħħi l-van u Muscat qabad u tah daqqa ta' ponn u waqa' mal-art. Hekk kif qam l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Muscat u bdew jiġġieldu u f'din il-ġlieda ħadet parti Anna Theresa Muscat ukoll. Dan il-punt ta' l-aħħar hu minnu min-natura tal-feriti li ġarrab l-imputat f'din il-ġlida.

Illi l-feriti li ġarrab Ernest Muscat huma ta' natura ħafifa, skont ix-xhieda tat-tobba.

Illi l-versjonijiet li taw il-partijiet huma differenti. Illi mill-provi kollha prodotti u meta wieħed janalizza d-dinamika ta' l-inċident jidher ċar illi l-versjoni ta' Ernest Muscat hi waħda iżjed kredibbli. Jirrizulta wkoll il-kliem ta' theddid fil-konfront tagħhom mill-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati li kkawża feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Ernest Muscat u li l-imputat hedded il-konjuġi Muscat. Rat l-artikoli 221(1) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500). Minbarra dan, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u torbot lill-imputat biex ma kellimx jew jimmolesta l-familja Muscat taħt penali ta' elfejn euro (€2,000) għal żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------